MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2005

Numru 499/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**VS**

**GRAZIELLA MERCIECA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Graziella Mercieca ta' 21 sena, imwielda tal-Pieta' nhar il-15 ta' Marzu, 1984, bint Frans u Vincenza nee' Tonna, residenti fil-fond numru 25, Misrah il-Knisja, Birzebbuga, detentrici tal-karta tal-identita' numru 177084 (M) ;

Akkuzata talli nhar l-20 ta' Marzu, 2005, ghall-habta ta' 11.20am, f'Misrah il-Knisja, Birzebbuga, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas tat-tharis tar-

Regolamenti tat-Traffiku, involontarjament laqtet lil Nicholas Gatt minn Birzebbuga f’siequ u konsegwentament ikkagunatlu ferita ta’ natura gravi f’siequ skond kif iccertifika Dr Rueben Grixti mill-Isptar San Luqa.

Rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktat stadju bikri tal-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti tatha zmien skond il-Ligi;

Rat il-fedina penali netta tal-imputata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata Graziella Mercieca hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* tordna lill-istess imputata thallas lill-familja tal-vittma s-somma ta’ mitejn lira maltin (Lm200.00) bhala kumpens *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-istess Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------